**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet, Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu it-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Maqful id-dar bi kwarantina.
b. Il-ħajja sabiħa jew kerha skont kif tagħmilha int.
ċ. Meta kont vaganza.
d. Inħobb nimxi fil-kampanja.
e. Kompli din l-istorja: "Kienet nieżla xita qliel. Kont sejjer lejn id-dar meta..."
f. Fuq il-vapur t'Għawdex.

**(40 marka)**

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

### Il-PINNUR

"Imqassijiet u skieken għas-senn min għandu?"

Waqaf quddiemna u ommi ħarġitlu żewġ skieken x'isinn. U l-ġirien ġabulu iżjed xogħol.

Għandu bħal kaxxa bir-roti miġbuda minn ħmar xiħ. Fuq din il-kaxxa hemm ir-rota tas-senn, qisha rota ta' mitħna fiċ-ċokon, b'ċinga li tgħaqqadha mal-pedala. Landa b'ilma tqattar qajl qajl għal fuq ir-rota. Ir-raġel jgħanni taħt l-ilsien, iżomm it-temp b'siequ tielgħa u nieżla fuq il-pedala, u r-rota tagħqad, u s-sikkina ttajjar ix-xrar daqs raddiena tal-ġiġġifogu. Minn suwed u mxellfin is-skieken isiru jaqtgħu u jleqqu daqs is-sejf tal-Konti Ruġġieru.

U l-ħmar qisu statwa ma jitħarrikx, b'rasu mdendla. Bilkemm għandu aptit ixejjer denbu biex ikeċċi d-dubbien fitt li qabadlu ma' ġerħa li għandu fuq ġenbu.

Wara dak li jsinn ġie l-landier.

Intasab mal-art fil-kantuniera ħdejn il-ħanut tad-Dokrina, firex l-għodda ħdejh u beda jaħdem fuq il-ktieli, il-borom u l-istanjati li ġibulu. Jobrox jew jaqta' barra l-qadim, iqasqas qiegħ jew żennuna ġdida minn rombli żingu, irewwaħ il-faħam li fih jinkwew is-saldaturi, jagħti l-istann. Qatra stann mal-art saret kewkba tal-fidda.



Qbadt inpaċpaċ ma' dar-raġel dħuli, nistaqsi kif u għaliex. Mhux biss ma keċċinix imma fassalli pinnur sabiħ, għamla ta' ħuta, bil-pinni u d-denb u l-għajn b'kollox, u jdur fuq biċċa fildiferru.

Iblah li jien! Urejtu lill-Ġużu l-Kelb, l-iżjed tifel kattiv li hawn fir-Rabat. Ried iżommu f'idu biex jarah aħjar. Ma ridtx intihulu, imma ħatafhuli minn idi, u meta ridt nerġa' neħodhulu għafasli idi max-xifer jaqta' u bdejt nikrob bl-uġigħ. Minn qiegħ idi beda jċarċar id-demm...

"Mite ngħidlik tihuli, tihuli, għax inħanxarlek għonqok."

Kemm hu ikrah, Ġużu l-Kelb! Qasir, werċ bl-ikrah, iswed u leħnu rqiq u bħal maħnuq. U qalbu ġġib. Jgħidu li jżomm mus fil-but.

Bkejt dmugħ morr, l-iżjed mhux għax weġġajt imma bir-rabja li kelli, għax ħadli l-pinnur b'saħħa, għax akbar minni.

*Test meħud minn Kilin: Fuq il-Għajn ta' San Bastjan*

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

a. Il-frażi **qajl qajl** turi li l-ilma beda nieżel bil-mod mil-landa.

b. Omm ir-rakkontatur kellha tliet skieken u mqass x'issinn.

ċ. Flok il-kelma "ġerħa", ir-rakkontatur seta' uża "ferita".

d. Il-landier kien isewwi l-ktieli.

e. Il-pinnur kien għamla ta' għasfur.

**(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. Dis-silta hija ambjentata fi żmien imbiegħed minn tagħna. Semmi **żewġ** affarijiet li jitfgħu dawl fuq dan.

b. Taqbel li l-ħmar ma tantx kien mimli enerġija? Liema verb fir-raba' paragrafu juri dan?

ċ. Min miż-żewġt irġiel kien dħuli skont ir-rakkontatur?

d. Ma' xiex huma mqabblin is-skieken misnuna?

e. Liema frażi fl-aħħar paragrafu fit-test turik li Ġużu l-Kelb kien buli?

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ: LINGWA**

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

1. **Daħħal dan il-kliem fil-vojt tas-sentenzi: nhar – nar – sħaba – daq – sħabha**

| | | |
|---|---|---|
| a. | ......... il-Milied kulħadd jifraħ. | **(2 marki)** |
| b. | Kien hemm........kbir f'maħżen tal-injam. | **(2 marki)** |
| ċ. | Fl-aħħar ta' Awwissu tibda ġejja...... wara l-oħra. | **(2 marki)** |
| d. | Meta....... il-brodu sabu mielaħ. | **(2 marki)** |
| e. | .........marru xalata. | **(2 marki)** |

**(10 marki)**

2. **Poġġi l-artiklu quddiem:**

musmar; ċagħaq; żiemel; ħabel; numri; dundjan; tromba; razzett; żunżan; xemgħa

**(10 marki)**

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA MALTA

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' *Security Guard* Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** ~~It-Tnejn 5 t'April 2021~~ 23 APR 2021

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)